MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru 879/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**PAUL LUGHERMO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Lughermo, ta' 50 sena, imwieled il-Belt Valletta, nhar il-25 ta' Gunju, 1955, bin Domenic u Lydia nee' Brincat, residenti gewwa 21, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 616155 (M);

1. Akkuzat talli nhar it-2 ta' Ottubru, 2005, gewwa l-bajja tal-Exiles, Triq it-Torri, Sliema, u gewwa dawn il-Gzejjer, ghall-habta ta' 12:00hrs, (nofsinhar), offenda l-pudur jew il-morali pubblici ta' Martina Hochmair, b'ghemil

li sar f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku u dan *ai termini* tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-pesuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, kif ukoll garr arma li taqta' u bil-ponta barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

4. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qieghed iwettaq delitt kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanza, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lill-membru tal-Korp tal-Pulizija msemmi hawn fuq, u dan *ai termini* tal-Artikolu 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

7. U fl-ahharnett talli b'hekk jitqies recediv b'sentenzi mogthija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u l-Qorti tal-Appell, datati 3 ta' Settembru, 1973, 16 ta' Settembru, 1975, 15 ta' Gunju, 1976, 30 ta' Novembru, 1978, 11 ta' Jannar, 1980, 25 ta' Awissu, 1982, 25 ta' Frar, 1983, 6 ta' Gunju, 1983, 18 ta' Novembru, 1983, 2 ta' Frar, 1996, liema sentenzi saru definittivi ma ma jistghux jinbidlu.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Arttikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 17(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 19 tal-Kapitolu 66 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 23 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Paul Lughermo hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), u s-seba' (7) akkuza migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal perjdou ta' prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur, sospizi ghal sentejn (2), *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda ma ssibux hati tal-hames (5) u s-sitt (6) akkuza migjuba kontrieh u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------